**176. Il-Prim Ministru jipproponi**:

Peress illi din il-Kamra jidhrilha li għandha tiġbor il-fatti kollha marbuta ma' rapporti dwar trab iswed fin-naħa t'isfel ta' Malta;

Għaldaqstant, din il-Kamra tad-Deputati qiegħda tirriżolvi li tinnomina Kumitat Magħżul minn fost il-membri tagħha liema Kumitat Magħżul ikun jista' jirregola l-proċedura tiegħu minkejja kull provediment fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, nkluż li jisma' jew jircievi rapporti mingħand esperti u uffiċjali nkluż esperti u uffiċjali tal-MEPA

Il-Kumitat Magħżul għandu jkun kompost minn żewġ membri minn naħa tal-Gvern u żewġ membri minn naħa tal-Oppożizzjoni

II-Kumitat Magħżul għandu jkun presedut mill-iSpeaker tal-Kamra u, fl-assenza tiegħu, mid-Deputat Speaker tal-Kamra.

05.10.10

**L-Onor Leo Brincat ressaq din l-emenda 'A' f'Seduta 293 - 06.12.10 (*carried*):-**

L-ewwel paragrafu għandu jitħassar u jiġi sostitwit bil-paragrafu li ġej:

"Peress li din il-Kamra jidhrilha li għandha tiġbor u tqabbad lil min janalizza l-fatti kollha marbuta ma' rapporti dwar trab iswed fin-naħa t'isfel ta' Malta f'mod li jiggarantixxi trasparenza sħiħa u kontinwa min-naħa tal-MEPA, l-Enemalta u l-Awtorità Maltija tar-Riżorsi fl-operat tagħhom tal-imgħoddi u tal-ġejjieni, inklużi l-pjani ta' azzjoni diġà mħabbrin pubblikament;".

**L-Onor Leo Brincat ressaq din l-emenda 'B' f'Seduta 293 - 06.12.10 (*carried*):-**

Fit-tieni paragrafu minflok il-kliem "inkluż li jisma' jew jirċievi rapporti mingħand esperti u uffiċjali inkluż esperti u uffiċjali tal-MEPA;" għandhom jidħlu l-kliem "inkluż li jisma', jirċievi u jikkummissjona rapporti mingħand esperti indipendenti lokali u barranin u uffiċjali u esperti tal-entitajiet fuq imsemmija filwaqt li, permezz ta' *hearings* pubbliċi, jisma' l-fehmiet tas-soċjetà ċivili, primarjament tal-kunsilli lokali konċernati. Biex jintaħaq dan il-għan, għandu jiġi allokat baġit xieraq biex dan il-kumitat ikun jista' jaqdi dmiru kif suppost, inkluża s-setgħa li jikkummissjona l-analiżi teknika meħtieġa;".